MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 168/2003

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU plc ta' Perth Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Bucaneer Boats Limited skond il-Ligi u polza ta' assikurazzjoni A 024530**

**vs**

**Cassar & Cooper (Shipping and Insurance) Limited proprio u bhala agenti tas-socjeta' estera Fahrenhiet Freight Forwarders Limited u b'digriet tal-20 ta' Marzu, 2003 it-Tribunal jawtorizza l-korrezzjoni fis-sens illi jithassru l-kliem "bhala agenti tas-socjeta' estera"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u seba' liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm607.88) in solidum bejniethom rapprezentanti nuqqasijiet f'konsenja li waslet Malta fid-19 ta' Frar, 2002 abbord il-vapur Zebbug, ghal liema nuqqasijiet l-assigurat gie kompensat mis-socjeta' attrici.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fis-27 ta' Frar 2003 fejn intqal:**
**Illi in kwantu s-socjeta' konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited giet mharrka bhala "agenti tas-socjeta' estera Fahrenheit Freight Forwarders Limited" jigi rilevat illi din ta' l-ahhar hija socjeta' Maltija bin-numru ta' registrazzjoni C17421 u li s-socjeta' Cassar & Cooper (S&I) Limited lanqas m'ghandha r-rapprezentanza gudizzjarja ta' l-istess Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited; Ghaldaqstant jekk is-socjeta' attrici jidhrilha li ghandha tipprocedi kontra s-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited ghandha tipprocedi direttament kontra l-istess u mhux kontra Cassar & Cooper (S&I) Limited bhala agent;**
**Illi fit-tieni lok is-socjeta' konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited ma gietx inkarigata bit-trasport in kwistjoni bejn l-Italja u Malta minn l-assikurat Buccaneer Boats Ltd li kienet biss is-socjeta' destinattrici. Fil-fatt kienet is-socjeta estera Osculati SPA li fil-kwalita' ta' speddittrici nkarigat lil Saving Sped SRL ta' l-Italja bit-trasport precitat, liema merkanzija kienet destinata lill-assikurat Buccaneer Boats Ltd hawn Malta kif jirrizulta mill-manifest tal-merkanzija relattiva li kopja tieghu hija hawn annessa bhala "Dok. C&C 2". Saving Sped SRL li topera servizz ta' groupage bi shab ma' Cassar & Cooper (S&I) Ltd ghabbiet il-merkanzija in kwistjoni gewwa trailer tas-socjeta' Maltija Fahrenheit Freight Forwarders Limited li hija socjeta' operattrici tat-**

**trailers imqabbda mis-socjeta' konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited biex tipprovdi s-servizz ta' groupage li fuqu tghabbiet il-merkanzija in kwistjoni;**
**Illi ghall-fini ta' kjarezza ulterjuri jigi rilevat ukoll illi s-socjeta konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited giet inkarigata minn Buccaneer Boats Limited limitatament biex tipprovdi servizzi ta' "customs clearance" u traslok mill-Hal Far Groupage Bond Complex sal-post ta' Buccaneer Boats Limited wara li l-merkanzija in kwistjoni wasslet Malta. Madankollu rrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet kif qed tirreklama s-socjeta' attrici sa minn meta nfetah it-trailer suriferit fil-prezenza ta' l-ufficjali tad-dwana fl-Hal Far Groupage Bond Complex u ghalhekk tali nuqqasijiet bilfors illi rrizultaw qabel ma s-socjeta' konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited assumiet l-inkarigu ta' "customs clearance" u traslok mill-Hal Far Groupage Bond Complex sal-post ta' Buccaneer Boats Limited;**
**Illi suboridnatament u minghajr pregudizzju ghall-premess kwalsiasi responsabbilta' li jista' jkollha s-socjeta' konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Limited versu s-socjeta' assikurata Buccaneer Boats Limited bhala destinattrici tal-merkanzija in kwistjoni — u ghalhekk versu s-socjeta' attrici bhala socjeta' assikurattrici surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' destinattrici — hija limitata fir-rigward tal-quantum ai termini tal-Konvenjoni ta' Ginevra tal-1956 maghrufa ukoll bhala "Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road".**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Charles Cassar, Jean Pierre Zammit, Alex Chetcuti, Alexander Spiteri, Norbert Caruana, Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lill-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta' attrici bhala assiguraturi tas-socjeta' Buccaneer Boats Limited qed titlob il-hlas ghal nuqqasijiet f'konsenja ta' merkanzija li waslet Malta fid-19 ta' Frar, 2002 abbord il-vapur Zebbug. Il-hlas**

**qed jintalab minghand is-socjeta' konvenuta Cassar & Cooper (Shipping and Insurance Limited) u Fahrenheit Freight Forwarders Limited.**

**2. Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, din giet sorvolata permezz tal-korrezzjoni dekretata fl-20 ta' Marzu, 2003.**

**3. Mill-provi jirrizulta illi Buccaneer Boats Limited kienet waslitilha konsenja ta' merkanzija fid-19 ta' Frar, 2002 minghand is-socjeta' Osculati SPA, liema merkanzija ngiebet Malta abbord il-vapur Zebbug.**

**4. Jibda biex jinghad illi s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' Buccaneer Boats Limited skond ma jirrizulta mid-dokumenti A u B esebiti.**

**5. Il-merkanzija li ngiebet Malta kienu affarijiet li kellhom x'jaqsmu mad-dghajjes u dana skond ma jirrizulta mid-Dok C esebit.**

**6. Skond Charles Cassar il-container li fih ingarret il-merkanzija kien groupage container tas-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Limited u l-merkanzija in kwistjoni kienet kollha f'pallet wahda. Dejjem skond ma xehed Charles Cassar meta xi granet wara li waslet il-merkanzija gie nfurmat li kien hemm xi problemi, mar Hal Far fejn kienet qed tinzamm il-merkanzija u sab diversi affarijiet neqsin mill-pallet tieghu liema affarijiet kienu jikkonsistu fi *12 port hole, 27 stainless steel tees u 7 stainless steel steering wheels*. Cassar informa lil Cassar & Cooper u lil GasanMamo.**

**7. Jean Pierre Zammit il-*claims handler* mas-socjeta' attrici spjega li l-konsenja kienet waslet Malta permezz ta' Cassar & Cooper Limited u kkonferma li n-nuqqasijiet telghu ghal sitt mija u seba' lira u tmenin centezmu (Lm607.80) u li s-socjeta' attrici hallset dan l-ammont. Ix-xhud jikkonferma li ma sarx *survey report* peress li kien hemm *delivery receipt* minghand Miksons Transport Company Limited. Skond ix-xhud in-nuqqas kien gia hemm meta l-merkanzija kienet fid-Dwana.**

**8. Alex Chetcuti r-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana esebixxa d-dokument tar-rilaxx tal-merkanzija Dok AC 1 sa Dok AC 3 li fih hemm indikati n-nuqqasijiet imsemmija.**

**9. Il-form 1C, Dok AC 1 esebita a fol 48 tal-process jirrizulta illi l-merkanzija ta' Buccaneer Boats kienet miftuha, ghalkemm mill-istess dokument ma hemmx indikazzjonijiet ta' nuqqasijiet. Ix-xhud Alex Chetcuti jghid illi l-pallet kien miftuh qabel ma gie rilaxxat mid-Dwana.**

**10. Alexander Spiteri xehed li l-pallet ta' Buccaneer Boats kienet miftuha u kien hemm ukoll apparat ma' l-art.**

**11. Jigi rilevat illi l-konsenja tas-socjeta' attrici kienet quick release u tad-Dwana qalulhom biex jinfurmaw lill-assikurazzjoni taghhom.**

**12. Norbert Caruana *sales executive* ma' Cassar & Cooper spjega illi huma jiehdu hsieb ir-routing tal-merkanzija, cioe' li r-ricevitur jaghtihom id-dettalji ta' min qed ifornixxi x-xoghol minn barra u wara jsir il-kuntatt bejn l-agent ta' Cassar & Cooper u l-agent minn barra li jkun l-esportatur. Huwa spjega illi fil-kaz in kwistjoni min kien qed ifornixxi x-xoghol kien il-klijent ta' l-agent Taljan taghhom, anzi agent u partner taghhom, u ghalhekk is-socjeta' attrici kienet taf bil-merkanzija meta tghabbiet u giet biex tasal, u ma sar ebda kuntatt ma' Buccaneer Boats Limited qabel ma waslet il-merkanzija.**

**13. Skond l-istess xhud l-esportatur Osculati SPA kien qabbad lil Saving Sped sabiex jibghat il-merkanzija Malta. Ix-xhud pero' ma kienx jaf jikkonferma jekk kienx hemm hsara fil-merkanzija. Huwa kkonferma li l-container kien ta' Fahrenheit Freight Forwarders Limited li hu sub contractor taghhom u li hu nkarigat minnhom sabiex igorr il-merkanzija.**

**14. Ghalhekk mill-provi jirrizulta illi Cassar & Cooper Shipping and Insurance Limited kienu nkarigaw lil Fahrenheit Freight Forwarders. Irrizulta illi l-pallet li kien hemm il-merkanzija tas-socjeta' Buccaneers Boats Limited kien miftuh meta gie biex jigi migbur mid-Dwana. Il-hsara rizultanti f'nuqqasijiet giet ippruvata. Dwar ir-responsabilita' ghal dawn id-danni s-socjeta' Cassar & Cooper kienet inkarigata biex iggorr il-merkanzija minghand Osculati sal-warehouse ta' Buccaneer Boats Limited. In kwantu s-socjeta'**

**Cassar & Cooper inkarigat lill Fahrenheit Freight Forwarders ghal garr tal-merkanzija jitfa' r-responsabilita' fuq it-tnejn li huma.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u seba' liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm607.88). bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Jannar, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjetajiet konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------